MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Numru. 750/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**BRIAN JOSEPH CONTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Joseph Conti, ta’ 25 sena, imwieled il-Canada nhar l-14 ta’ Awissu, 1982, iben Louis u Susan nee’ Azzopardi, residenti gewwa No.83, ‘St. Mary,’ Triq l-Imdina, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0172599(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar il-11 ta’ Gunju 2008 ghall-habta ta’ l-11:00a.m. u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Anthony Borg mill-Gharghur, liema hsara izda ma teccedix elf mija

u erbghin u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma teccedi il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u dan fuq vettura ta’ l-ghamla Citroen C2 bin-numru ta’ registrazzjoni CIT136.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Savana Borg mill-Gharghur, jaghmel, jhalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Savana Borg mill-Gharghur;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kkaguna lil Savana Borg mill-Gharghur biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu ser jikkaguna lil xi haddiehor hekk biza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

Illi huwa akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi hedded lil Savan Borg, mill-Gharghur, flimkien ma’ ordni jew kondizzjoni;

U aktar talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti b’sentenza li saret definittiva mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D. nhar is-16 ta’ Mejju, 2008.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.7) u ta’ l-imputat (fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat rigward it-tielet (3) u l-hames (5) akkuza;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjoni tat-tielet (3) u l-hames (5) akkuza, wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori tal-kawza, l-imputat hallas il-pendenzi kollha, cioe erba’ mija hamsa u sittin Euro (465 Euro) lil kwerelanti u l-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2009, irtira l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu rigwardanti it-tielet (3) u l-hames (5) akkuza, l-Qorti ssib lill-imputat, Brian Joseph Conti, hati ta’ l-istess u wara li rat Artikoli 251A u 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre’, ai terminu ta’ l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta’ Protection Order kontra l-imputat u favur il-kwerelanti, bil-kundizzjoni li l-imputat ma jdejjaqx, ikellem jew jimmolesta lil kwerelanti, dana ghal perijodu ta’ tlett (3) snin, wara li qieset il-motivazzjonijiet elenkati f’Artikolu 412(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal rigward ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------